VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,349, 28 ta' Novembru, 2014
Taqsima B

A.L. 414 tal-2014

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2014 dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali. Titolu.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali stabbilita b'dan l-Ordni;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser il-Ftehim kif previst fl-artikolu 7;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti gil-Ministeru responsabbli għall-ġustizzja.

3. Għandu jkun hemm Aġenzija, li tkun magħrufa bħala l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali jew bħala "Għajnuna Legali Malta". Twaqqif tal-Aġenzija.

4. (1) L-Aġenzija jkollha l-funzjonijiet u dmirijiet li ġejjin: Funżjonijiet u dmirijiet.

(a) li tipprovdi appoġġ amministrattiv fir-rigward tal-ħidma tal-*panels* nominati mill-Ministru skont l-artikolu 89(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fir-rigward tal-proċedura u provvedimenti oħra li jinsabu fl-artikoli 89(2), 91, 92, 93, 94, 95 u 96 tal-imsemmi Kodiċi u fir-rigward tal-proċeduri jew provvedimenti dwar l-għajnuna legali, l-avukati għal għajnuna legali u kuratuti kif, minn żmien għal żmien, jista' jiġi previst f'xi liġi; Kap. 12.

(b) li tipprovdi appoġġ amministrattiv fir-rigward ta' kull ħaġa li għandha x'taqsam man-nomina ta' avukati għal għajnuna legali fil-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali taħt il-Kodiċi Kap. 9.

Kriminali jew kull liġi oħra;

(ċ) li tipprovdi appoġġ amministrattiv fir-rigward ta' kull ħaġa li għandha x'taqsam man-nomina ta' avukati għal għajnuna legali fi proċeduri dwar l-adozzjoni jew il-kustodja jew proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' minuri f'xi qorti oħra;

(d) li tipprovdi appoġġ amministrattiv fir-rigward ta' talbiet għall-benefiċċju sabiex wieħed iħarrek jew jiddefendi ruħu bil-benefiċċju ta' għajnuna legali skont it-Titolu X tat-Tielet Ktieb tat-Taqsima III tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew skont kull liġi oħra li tista', minn żmien għal żmien, tirregola dawn il-materji;

Kap. 12.

(e) li tipprovdi appoġġ amministrattiv fir-rigward ta' talbiet għall-benefiċċju sabiex wieħed iħarrek jew jiddefendi ruħu bil-benefiċċju ta' għajnuna legali f'tilwim transkonfini kif imfisser fit-Titolu XA tat-Tielet Ktieb tat-Taqsima III tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew skont kull liġi oħra li tista', minn żmien għal żmien, tirregola dawn il-materji;

Kap. 12.

(f) li twettaq sudji u taħtar gruppi jew kumitati ta' ħidma sabiex is-sistema tal-għajnuna legali tiġi mtejba u riformata kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien;

(g) li torganizza dak it-taħtiġ jew diskussjonijiet fuq materji li jirrigwardaw l-għajnuna legali kif jista' jiġi deċiż min żmien għal żmien;

(h) li twettaq monitoraġġ kontinwu fuq kif qed titħaddem is-sistema tal-għajnuna legali;

(i) b'mod ġenerali biex taġixxi bħala aġenzija għall-għoti u r-riforma tal-għajnuna legali jew forom oħra ta' assistenza legali kif jista' jkun previst f'xi liġi, regolament jew kif jista' jiġi ordnat b'xi provvediment amministrattiv sanzjonat bil-miktub mill-Ministru.

(2) Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Aġenzija għandhom jitwettqu b'mod koordinat mad-Direttur Ġenerali Qrati, mal-Avukat għal Għajnuna Legali u, fil-każ ta' għajnuna legali li għandha x'taqsam ma' tilwim transkonfini, mal-persuna jew awtorità li tista', minn żmien għal żmien, tkun l-awtorità kompetenti għal dawn l-għanijiet.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

5. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Aġenzija hi soġġetta għall-Att.

6. L-Aġenzija tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu 2 tat-Taqsima III tal-Att u tkun regolata b'dawk id-dispożizzjonijiet.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

7. L-Aġenzija għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kemm-il darba ma jkunx awtorizzat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija.

Ftehim tal-Aġenzija.

8. L-operat tal-Aġenzija għandu jitwettaq skont Ftehim tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija.

Kap tal-Aġenzija.

9. L-Aġenzija għandha tkun immexxija mill-Avukat għal Għajnuna Legali/Direttur Ġenerali Qrati tal-Ġustizzja li għandu jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija kif stipulat fl-Att.

Emenda għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 497.

10. Fir-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-Aġenzija "Identity Malta Agency" għandu jiżdied dan li ġej:

Aġenzija	Funzjoni tal-Aġenzija
"Aġenzija tal-Għajnuna Legali	Biex tkun responsabbli għal, u tamministra, l-għoti tas-servizz ta' għajnuna legali fl-oqsma kollha fejn dan ikun meħtieġ.".